# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum it-Tnejn, 3 ta' Settembru, 2001**

**Appell Nru 243/2000**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Emanuel Muscat**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Emanuel Muscat talli (**1**) fit-18 ta' Mejju, 2000 ghall-habta ta' 11.45 a.m. f'garaxx numru 20, Triq San Pawl, Mgarr, Malta ghamel xoghol ta' *welding* minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija (il-prosekuzzjoni talbet sabiex minbarra l-piena moghtija skond il-ligi l-qorti tordna t-tnehhija ta' kull dizordni jew inkonvenjent li bih sar ir-reat fi zmien skond il-ligi); kif ukoll talli (**2**) fl-istess data, ghall-habta ta' 1.00 p.m., fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Mosta, indahal fid-doveri ta' P.S. 934 Michael Buttigieg, persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien jaghmel dan is-servizz jew bl-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-27 ta' Ottubru, 2000, li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Emanuel Muscat mhux hati skond it-tieni mputazzjoni u minnha lliberatu, izda sabitu hati skond l-ewwel imputazzjoni u lliberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett xhur mid-data ta' dik is-sentenza;

Rat it-talba ghas-sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni tas-sentenza; rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess Emanuel Muscat, minnu ppresentat fit-8 ta' Novembru, 2000, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza fis-sens li huwa jigi liberat ukoll mill-ewwel imputazzjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-ewwel qorti, fis-sentenza taghha, ikwotat, bhala artikoli tal-ligi li jikkontemplaw ir-reat (Artikolu 382, Kap. 9) l-Artikoli 194(a) u 181(1) tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija. Issa, dwar l-ewwel artikolu,

apparti li r-referenza korretta kellha tkun ghall-Artkolu 194(1)(a) (u mhux 194(a)), dana l-artkolu ma ghandu x'jaqsam xejn ma' l-ewwel imputazzjoni kif migjuba fic-citazzjoni. Id-disposizzjoni tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 194 tirreferi ghaz-zamma f'xi post ta' agenzija (inkluza agenzija dwar xi xorta ta' sengha, negozju jew kummerc) jew ghat-tmexxija minn xi post ta' negozju ta' assigurazzjoni. L-Artikolu 181(1), invece, jipprovdi li "Hadd ma jista' jiftah jew izomm hanut ghall-bejgh ta' oggetti jew ta' merkanzija, sew bl-ingrossa kemm bl-imnut, jew ghall-ezercizzju fiha ta' arti jew sengha, u hadd ma jista' jezercita l-mestier ta' bejjiegh fit-toroq, minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija".

L-aggravju ta' l-appellant hu, bazikament, li fil-gurnata ndikata fl-imputazzjoni – u l-imputazzjoni hi limitata ghal incident wiehed f'gurnata u f'hin partikolari – huwa veru li hu kien qed jaghmel xoghol ta' *welding*, izda dan kien qed jaghmlu fuq wahda mill-vetturi tal-familja tieghu, u precisament ta' huh, u bla hlas, cioe` mhux bhala forma ta' negozju. Ghalhekk, jikkontendi l-appellant, dak li kien qed jaghmel ma jinkwadrax f'dak li hu kolpit bl-Artikolu 181(1) tal-Kap. 10.

Mill-kumpless tal-provi, u specjalment mid-deposizzjoni kemm ta' P.S. 934 Michael Buttigieg kif ukoll mid-deposizzjoni tal-istess appellant, din il-Qorti tara li hu verosimili u probabbli li fil-gurnata u fil-hin indikati fl-imputazzjoni l-appellant kien qed jaghmel xoghol fuq il-vettura ta' huh u bla hlas, u ghalhekk mhux bhala forma ta' negozju, cioe` ghall-fini ta' qligh. L-Artikolu 181(1) tal-Kap. 10, a differenza tal-Artikolu 130 tal-istess Kodici, jinsab taht it-taqsima li titratta "Fuq tal-Hwienet u Traffikanti Ohra"[1], taqsima li fiha disposizzjonijiet intizi sabiex jirregolaw xi aspetti ta' certu negozju fil-Gzejjer Maltin, specjalment aspetti li jistghu jwasslu ghal "a public nuisance" jew li jistghu joholqu "a breach of the peace". Jammonta, pero`, ghall-"ezercizzju…ta' arti jew sengha" fuq skala ta' negozju dak ix-xoghol li ma jsirx bhala passatemp jew saltwarjament izda li jsir fuq bazi regolari, minkejja li l-prodott li jkun qed jigi manufatturat jew l-oggett li jkun qed jigi msewwi jkun intiz ghal min ikun qed jaghmel dak ix-xoghol jew ghal membri tal-familja tieghu jew ghal hbieb u minghajr hlas, u dan peress li b'dan il-mod dak li jkun ikun qieghed effettivament jissostitwixxi l-attivita` tieghu ghal dik l-attivita` li ssir minn haddiehor ghal finijiet ta' negozju. Biex xoghol li jsir, anke jekk ikun jirrikjedi xi hila f'xi arti jew sengha partikolari, ma jkunx kolpit bl-Artikolu 181(1) in dizamina, irid ikun xoghol li jsir (a) bhala passatemp jew saltwarjament, u ghalhekk mhux fuq bazi regolari, u (b) jkun intiz esklussivament ghal minn ikun qed jaghmel dak ix-xoghol, jew, jekk ghal haddiehor, mhux bi qligh. S'intendi, l-Artikolu 130 jikkontempla sitwazzjoni differenti, fejn anke jekk wiehed ikun qed jahdem arti jew sengha bhala passatemp u mhux bi qligh, izda dik l-arti jew sengha tkun tali li tista' ddejjaq lill-girien jew tista' tikkaguna hruq, esplozjoni qawwija, ecc., allura hija mehtiega dejjem il-licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija. F'dan il-kaz l-imputazzjoni kif migjuba fic-citazzjoni ma tipotizzax ir-reat

[1] "Of Shopkeepers and Other Traders" fit-test Ingliz.

kontemplat fl-imsemmi Artikolu 130, u l-ewwel qorti anqas ma ghamlet referenza ghal dina d-disposizzjoni.

Fil-kaz in dizamina, din il-Qorti tara li ma giex sodisfacentement pruvat mill-prosekuzzjoni li x-xoghol li kien qed jaghmel l-appellant fit-18 ta' Mejju, 2000 kien parti minn xoghol li kien isir fuq bazi regolari li jikkwalifika bhala negozju, jew, anke jekk ma kienx isir fuq bazi regolari izda kien isir bhala passatemp jew saltwarjament, li kien isir bi qligh. Fic-cirkostanzi, ghalhekk, l-appell ser jigi akkolt.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati skond l-ewwel imputazzjoni u fejn illiberati bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett xhur; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur